**Kunsill Lokali Żejtun**
28, 'Dar iż-Żwieten', Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| **Seduta** | Laqgħa Pubblika 02/19 |
| **Data** | 13 ta' Frar 2019 fis-6:30pm |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali Żejtun, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Stephania Fenech - Viċi-Sindku (Mis-6.50pm)
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Claude Camilleri - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Joan Agius - Kunsilliera
Joseph Hales - Kunsillier (Skużat)
Raymond Caruana - Kunsillier (Skużat)
Sean Chircop - Kunsillier
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**Tqassmu l-minuti tal-laqgħa pubblika tas-sena 2018. Is-Sindku fetħet u ppresediet il-laqgħa.**

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2017**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 1. | 1 | Proponent: Camilleri D<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2018 inqraw u ġew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. |
| 1. | 2 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti | |

**2. Ftuħ mis-Sindku**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 2. | 1 | Sindku: ftuħ tas-seduta | Is-Sindku tat merħba lil dawk preżenti. Is-Sindku wriet s-sodisfazzjon tagħha dwar il-fatt li l-Gvern laqgħa l-proposta li l-art agrikola fiż-żona ta' Bulebel mhux ser tingħata biex tiġi żvilupata. L-aħħar informazzjoni li għandu l-Kunsill hija li l-proġett li kellu pjanat mhux ser isir. Ma nafux b'eżatezza jekk il-liġi ġietx emendata biex ma jkunx hemm iktar tentattivi. |
| 2. | 2 | Sindku: Proġett tal-pompa tal-*fuel* | Is-Sindku qalet li attendiet għas-seduta tal-*Planning Authority* li saret dwar il-proġett propost għall-pompa tal-fuel fil-limiti ta' Triq Ħal Tarxien. Din ma ġietx approvata b'għaxar voti kontra u vot favur. Il-Kunsill ivvota kontra dan il-proġett. |
| 2. | 3 | Sindku: *Zebra crossing* | Is-Sindku tat rendikont dwar fiex wasalna fuq iz-*zebra crossing* fi Triq Luqa Briffa k/m Triq l-Arċipriet Degabriele. Wara li Agius staqsiet kif bqajna wara t-talba li erġajna għamilna lill-TM, is-Sindku wieġbet li t-talba saret biex isiru *pelican lights* pero r-risposta minn TM kienet li dan ma jistax isir. |

**3. Rapporti tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 3. | 1 | Is-Sindku, il-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera taw rendikont tal-ħidma tagħhom fejn spjegaw fil-qosor il-ħidma kbira li twetqqet matul s-sena 2018. Irringrazzjaw lil dawk kollha li taw l-għajnuna speċjalment l-entitajiet, staff klerikali u ħaddiema manwali. | |

**4. Preżentazzjoni tar-rapport finanzjarju għas-sena 2018**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4 1 | | Is-Sindku talbet lill-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sa. Tanya Ebejer, sabiex tersaq mal-mejda u tispjega ir-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart kif ukoll dak għas-sena 2018 li ser jgħaddi lill-Awdituri wara li dawn jiġu approvati mill-Kunsill. | |
| 4 2 | | Is-Sa. Ebejer spjegat kif saru l-estimi u l-kalkoli tad-dħul u ħruġ. Il-Kunsill għalaq is-sena b'*surplus* ta' €96,201. | |
| **5** | **Interventi mill-Pubbliku** | | |
| 5 1 | | Is-Sur Ruben Abela | Is-Sur Abela irringrazzja lill-Kunsill għall-ħidma li qed jagħmel fil-lokal u għall-kollaborazzjoni li qed isib fil-ħidma tiegħu mill-għaqda li huwa jmexxi, Wirt iż-Żejtun. Għadda kumment dwar it-tħawwil ta' siġar sabiex isir il-bexx u t-tisqija meħtieġa . Semma diversi fondi li l-Kunsill jista' jaħdem sabiex jibbenefika minnhom. Semma wkoll dwar it-trabijiet li jiġu ġġenerati mix-xogħol fit-toroq u sabiex tinstab soluzzjoni jekk dejjem huwa possibli. Irrimarka wkoll li l-proċess sabiex l-*area* ta' Bulebel issir ODZ inbeda wkoll. |

**Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8.14pm**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Maria Dolores Abela<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Anton Falzon<br>Segretarju Eżekuttiv |